# Min hu l-fqir fil-fehma tal-Griegi u r-Rumani u ta' San Tumas t'Akwinu

P. PAWL GALEA, O.P.

(Jorbot ma' Marzu 1974)

Fil- kotba Mqaddsa bil-Lhudi, għall-"fqir" hemm iżjed minn kelma waħda. Fosthom hemm Għanaw, li, barra minn darba, issibha fil-plural Għanawim. Din ħadet tifsira reliġjuża. L-għanawim huma foqra fit-tifsira li t-tama tal-għajnuna u tal-hena tagħhom qiegħda f'Alla biss. Fil-hemm tagħhom kollu, qalbhom ma titħassarx bil-għadab u l-għira, u huma jibqgħu sħaħ fi twemminhom fil-ħniena u l-ħaqq ta' Alla.

Ma kinetx ħaġa ħafifa għas-Sebgħin, biex ifissru bil-Grieg dak li tfisser Għanawim. Fil-biċċa l-kbira, huma kitbuha *Ptochoi.*

Fit-taħdita tal-Għolja, li, kif hi mniżżla f'San Luqa, uħud isejħulha t-Taħdita tal-Witja, hemm miktub li huma henjin il-*Ptochoi* (6: 20). Mons. Saydon kiteb "Imsieken," kif hemm fil-Kotba Mqaddsa bis-Sirjak.

Il-*Ptochoi* tat-Taħdita tal-Witja huma foqra fit-tifsira soċjali, jew aħjar, fit-tifsira ekonomiko-soċjali. Huma henjin, mhux bis-saħħa tal-faqar tagħhom bħala faqar, imma minħabba li l-qagħda tagħhom tiġbed il-ħarsa ta' Alla lejhom. Alla hu mħabba, ħniena u ħaqq.

Fil-Kotba Mqaddsa ma hemm imkien x'jagħtik tifhem li l-faqar hu barka bħala faqar, jew li hu *conditio sine qua non* biex tkun fis-saltna ta' Alla, jew li la darba int fqir, għandek jedd għas-saltna ta' Alla, ukoll jekk ma toqgħodx għas-sewwa ta' Alla.

Fil-Kotba Mqaddsa, l-egħmil it-tajjeb m'huwiex imfisser bħala faqar, imma bħala għana (I Kor. 8: 2; Ġk. 2: 5 Apok. 2. 9).

Il-hena tal-faqar tat-Taħdita tal-Witja jidwi l-kliem ta' waħda mit-taħbiriet ta' Isaija. Hi t-taħbira ta' l-aħbar it-tajba mogħtija lill-Għanawim. Fil-Grieg hemm *Ptochois* (61: 1). Wieħed stenna li f'din it-taħbira, Mons. Saydon jikteb "lill-imsieken," imma kiteb "lill-imnikktin."

Għalkemm fl-Evanġelji, il-kelma *Ptochoi,* fil-biċċa l-kbira, għandha t-tifsira li tawha l-klassiċi griegi, b'danakollu, billi l-ewwel hena tat-Taħdita tal-Witja jidwi t-taħbira ta' Isaija, f'dik it-taħdita, *Ptochoi* ma għandhiex it-tifsira ta' tallaba, imma ta' foqra fit-tifsira ta' *Miskén.*

Fil-ktieb tiegħu "Adversus Marcionem" Tertulljan qal li għandu jinkiteb "henjin it-tallaba." għaliex *Ptochoi* tfisser tallaba (IV, 14). F'kotba oħra huwa kiteb "henjin il-foqra" (De Patientia, 14; Ad Uxorem II, 8; De Fuga, 12).

Fit-Taħdita tal-Għolja kif imniżżla fl-Evanġelju li għandna ta' San Mattew, il-*Ptochoi* li huma msejħin henjin, huma l-foqra fit-tifsira reliġjuża. Huma l-Għanawim (Mt. 5: 3).

* * * *

Kif il-Griegi għamlu għażla bejn *Pēnés* u *Ptochós*, hekk il-klassiċi rumani u l-moralisti stojċi għamlu għażla bejn *Pauper* u *Eġenus*.

Bil-Latin, il-fqir hu *Pauper*, u l-faqar hu *Paupertas*. It-tifsira tagħhom ma għandha x'taqsam xejn mat-tifsira ta' *Pauper* u *Pauperism* fl-Ingliż.

F'De Lingua Latina, Varro kiteb li l-kelma *Paupertas* hi ġejja *a paulo lare*, jiġifieri, minn dar żgħira (V, XVII, 92).

Fl-ewwel eleġija tar-raba' ktieb tiegħu, Tibullus kiteb li kellu għelieqi li jagħtuh għelejjel sbieħ, u mrieħel hekk kbar, li l-ħallelin u l-volpijiet kienu jagħmlu tagħhom. Minn dan il-għana kollu huwa safa fqir.

Bi fqir, Tibullus ma fehemx li ġie b'idu f'idu. Fl-ewwel eleġija ta' l-ewwel ktieb tiegħu, huwa qal li kien għad baqagħlu xi ħaġa tar-raba bid-dwieli, u xi nagħaġ. U n-nar tal-fuklar kien għadu jsaħħanlu d-dar.

Orazju kiteb li biex wieħed jitħarreġ ħalli jsir raġel, ikun hieni, ma jkunx jeħtieġlu jistrieħ fuq ħaddieħor, u biex ikun iħobb art twelidu, huwa għandu jidħol minn rajh għall-*angustam pauperiem* (ib. 3, ode 2). Din, Lord Dunsany sejħilha *harsh poverty* u Lord Lytton sejħilha *privation*.

Fl-Epistulae Morales, Seneka kiteb li l-fqir hu fqir għaliex għandu l-ftit li jeħtieġ (87: 119).

Fit-Tusculanarum Disputationum, Cicerun kiteb li tkun fqir, mhux meta ma jkollok xejn, imma meta ma jkollokx aktar milli teħtieġ III, 23, 56).

Fir-raba' ktieb tal-Facta Dictaque Memorabilia, Valerius Maximus tkellem fuq għadd ta' nies foqra li għamlu ġieħ lil Ruma. Huma kienu foqra, mhux għaliex ma kellhom xejn, imma għaliex ma kellhomx aktar milli kienu jeħtieġu. Fosthom Valerius Maximus semma lil Attilius Regulus, ġieħ ta' Ruma fl-ewwel taqbida tagħha ma' Kartaġni Huwa kien fqir, mhux għaliex ma kellu xejn, imma għaliex kellu għalqa waħda biss, li jum wieħed kien biżżejjed biex żewġ barranin jaħartuha (cap. IV).

Għall-klassiċi Rumani u l-moralisti stojċi, il-*Paupertas* hi *l-Penia* tal-Griegi. F'*A Latin Dictionary* ta' T.C. Lewis u C. Short, il-*Paupertas* hi bejn iż-żejjed u n-nieqes. G.B. Gandino, fit-tifsirjiet ta' Ovidju u Tibullus kiteb li l-*Paupertas* hi *fortuna mediocris*.

Għall-*Ptocheia* tal-Griegi, fil-Latin hemm il-kelmiet *Penuria, Inopia, Indigentia, Egestas* u *Mendicitas*.

Għalkemm *Penuria* hi ġejja minn *Penia*, ma għandhiex it-tifsira ta' *Penia*. Hi Paupertas li għandha din it-tifsira.

Fl-Evanġelju miktub minn San Luqa, hemm imniżżel li l-ħabbtejn li waħda mara tefgħet fil-ħażna tal-maqdes ta' Ġerusalem, tefgħethom mill-*usterema* tagħha (Lq. 21: 4). Tindale kiteb *out of her penury*.

*Inopia* u *Egestas* ifissru faqar aktar kbir. Huma jfissru dak li fl-Ingliż ifissru *indigence* u *destitution*, għalkemm dawn ġie li jitfissru wkoll b'*penury*. Huma *Inopia* u *Egestas*, aktar milli *Penuria*, li jfissru dak il-faqar li hu l-*Ptocheía* tal-Griegi.

Fil-kotba Dicta Factaque Memorabilia, Valerius Maximus faħħar lil waħda mara għanja li ħarġet ħafna flus b'risq għadd kbir ta' suldati ta' l-eżerċtu Ruman li kien ġie mħarbat f'Cannes.

Il-kittieb faħħar wisq iżjed lil Fabius, għaliex dik il-mara għalkemm ħarġet flus fuq li ħarġet, baqgħet għanja, imma Fabius, b'risq Ruma, bidel il-*Paupertas* tiegħu ma' l-*Inopia* (ib. IV, n.2).

Valerius Maximus fisser ukoll il-qabża bejn faqar u għaks, meta tkellem fuq Fabius Maximus, li, biex jeħles minn idejn Hannibal għadd ta' suldati Rumani wiegħdu somma flus.

Is-senat ta' Ruma ma ċċaqlaqx biex joħroġ il-flus, u Fabius Maximus biegħ l-għalqa waħda li kellu, ħalli jagħti hu l-flus lil Hannibal. Huwa biegħ il-għalqa waħda li kellu, għaliex aktar ried li huwa jkollu *Inopia* ta' ġid, milli Ruma jkollha *Inopia Fidei*, jiġifieri, milli tonqos li żżomm il-kelma (ib. IV, n.1).

Il-qabża bejn faqar u għaks fissirha wkoll Ċiċerum, fil-Paradoxa Stoicorum. Lil min ma kienx imxebba' bil-ġid li kellu u kien imlebleb għal iżjed, huwa qallu li dik il-kilba tiegħu għamlitu aktar bħala tallab milli bħal wieħed fqir (6).

San Pawl ħeġġeġ lill-Korintin biex miż-żejjed tagħhom jagħmlu tajjeb għall-*ustérema*, jiġifieri għan-nieqes ta' l-Insara ta' Ġerusalem. Huwa fakkarhom li, għal imħabbitna, Ġesù Kristu *eptocheusen*, jiġifieri sar *Ptochós*, biex bil-*Ptocheía* tiegħu, jagħmel lill-bnedmin għonja (II. 8: 9-14).

Fil-Vulgata, il-verb *eptocheusen* hu *egenus factus est*, waqt li *Ptocheia* hi *Inopia*.

R. Keith kiteb li fl-*indigencies* ma hawn ħadd li jixbah lit-tfajjel Ġesù. *Ptocheia* hi *indigency* u *want*.

* * * *

Kif fit-tielet ktieb tan-Nomoi ta' Platon, *Penía* hi miktuba fit-tifsira ta' *Ptocheía*, hekk, bil-maqlub, fil-Georgica ta' Virġilju, *Egestas* għandha t-tifsira ta' *Paupertas*.

Platon kiteb li l-aħjar *eunokía*, bil-Latin, *communitas*, hi dik fejn la jkun hemm għonja u lanqas *Penía* kbira (679).

Virġilju kiteb li *labor omnia vicit.* Dan kitbu bil-ħsieb li kellhom Aristofani u Teokritu meta faħħru lill-*Penía* bħala omm is-snajja, għalkemm Virġilju ma kitibx *Paupertas*, imma *Egestas* (I, 145-6).

Fil-magħruf Speculum Doctrinale ta' V. de Beavais, kittieb kbir tas-seklu tlittax, hemm imniżżel li l-bniedem li bix-xogħol tiegħu jagħmel rebħa fuq il-ħtiġijiet tal-ħajja, jissieħeb ma' Kristu fir-rebħa tiegħu fuq id-dnub (ib. IX).

San Tumas ta' Akwinu kiteb li l-*Pauper* hu l-bniedem li jkollu l-ftit, waqt li l-*Egenus*, mhux talli ma jkollux il-ftit, imma talli jkun fil-ħtieġa (In II Cor., cap. 8, lec. 2). Dan il-kliem tennietu Santa Katerina ta' Siena fid-*Dialogo della Divina Provvidenza.* Hija kitbet li l-*povero* ma jkollux iż-żejjed, imma lanqas n-nieqes. Il-*mendico*, ħafna drabi ma jkollux dak li jeħtieġ, u jkun fi tbatija kbira (cap. 149).

San Tumas issokta kiteb li dawk in-nies li jagħtu lil ħaddieħor il-ħidma tagħhom biex jaqilgħu ħobżhom ta' kuljum huma *Pauperes* (I-II, q. 105, a. 2, ad.6).

Fis-Sermones huwa qal li l-*Paupertas* tgħallmek iżżomm il-qies, u ma taqax fit-tiġrib tal-għani (31).

Fis-Summa Contra Gentiles, San Tumas kiteb li dak il-faqar li jfisser li ma jkollokx biex tgħix, kif ukoll dak il-faqar li jfisser li ma tkunx tista' taqdi dmirijietek, hu *sempliciter malum.* Hadd ma jista' jidħol għal dan il-faqar minn rajh (ib. 3. cap. 133). Hawnhekk il-kelma *Paupertas* hi meħuda fit-tifsira ta' *Inopia* u *Penuria.*

Petrus de Alvernia, li ssokta l-Commentaria in Libros Politicorum Aristotelis minn fejn kien ħalla San Tumas, kiteb li Aristotli għallem li ċ-ċittadini ma għandhomx ikunu *Pauperes.* Huma għandhom ikunu *per se sufficientes.* Għalhekk, fil-fehma ta' Aristotli, dak li jġib l-*Inopia* għandu jitwarrab (VII, lec.12).

Hawnhekk, il-kelma *Ipopia* ma għandhiex it-tifsira li għandna fil-klassiċi Rumani, imma ta' *haereditas* valde tenuis. Hi għandha t-tifsira ta' *Paupertas* tal-klassiċi.

——— o ———